**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 33

Data tal-laqgħa: 5 ta' April, 2021

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn, 5 ta' April 2021 fl-4.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fl-4.35p.m. billi ntqalet it-talba.

**33/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**33/01/01** Ma kienx hemm.

**33/02 *No Entry Sign* fi Triq Monsinjur Luigi Catania k/m Triq l-Isqof Gargallo**

**33/02/01** Is-Sindku spjegat li fl-aħħar laqgħa tkellimna li bgħattna ittra lir-residenti li joqogħdu fil-biċċa t'isfel ta' Triq Monsinjur Luigi Catania sabiex naraw jekk jaqblux li jitneħħew it-tabelli ta' *No Entry* fi Triq Monsinjur Luigi Catania k/m Triq l-Isqof Gargallo u għidna li r-risposti ġew tlieta favur u tlieta kontra. Is-Sindku qalet li inħolqot kontraversja sħiħa peress li wieħed minn dawk li qabel li dawn it-tabelli jitneħħew ma joqgħodx hemm imma għandu garaxx, jiġifieri ġew tnejn favur li jitneħħew dawn it-tabelli ta' *No Entry* u tlieta kontra li jitneħħew dawn it-tabelli ta' *No Entry*. Is-Sur Abraham Aquilina qal li dan ir-resident li għandu l-garaxx, joqgħod fl-istess triq imma mhux fil-biċċa t'isfel. Is-Sindku spjegat li dawn it-tabelli ta' *No Entry* jaffettwaw l-iktar lil min joqgħod f'din il-biċċa t'isfel. Oriġinarjament, missier dan ir-resident kien qal li fil-garaxx ma għandux inġenji imma jmur jilgħab mal-kelb. Is-Sindku qalet li hi tat karta lil dan ir-resident biex ikun jista' jgħaddi bejn is-6:00am-8:00am, jiġifieri r-resident huwa moqdi. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li wara li ġew iċċarati l-fatti, it-tabelli ta' *No Entry* għandhom jibqgħu. Is-Sur Carl Grech spjega li peress li r-residenti ddeċidew bejniethom u l-maġġoranza qablu li t-tabelli ta' *No Entry* għandhom jibqgħu huma rebħu. Is-Sindku qalet li peress li Triq San Bartilmew ġiet *one-way* ukoll jista' jkun li taffettwa. Is-Sur Christopher Fenech ikkonferma li l-ewwel saru t-tabelli ta' *No Entry* fi Triq Monsinjur Luigi Catania u wara saru ta' Triq San Bartilmew. Is-Sur Abraham Aquilina qal li hemm kwistjoni oħra li jinġemgħa t-traffiku ħdejn is-supermarket ta' Triq l-Isqof Gargallo. Is-Sindku qalet li jekk jitneħħew it-tabelli ta' *No Entry* jinġemgħa traffiku fit-Triq San Ġwann fil-

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


biċċa ta' fejn hemm il-każin tal-futbol peress li jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat, barra minn hekk, ma nistgħux ineħħu l-parkeġġi. Is-Sur Abraham Aquilina qal li jekk ma tinħoloqx konġestjoni fejn il-każin tal-futbol fi Triq San Ġwann tinħoloq konġestjoni fejn is-supermarket ta' Triq l-Isqof Gargallo. Is-Sur Christopher Fenech spjega li la l-maġġoranza jridu li tabelli ta' *No Entry* jibqgħu nħalluhom. Is-Sindku spjegat li nies li jitilgħu minn hemm f'dawk is-sagħtejn ma humiex nies mir-raħal. Is-Sur Christopher Fenech qal li mhux problema li jibqgħu, imma ma jaqbilx li ħafna karozzi jitilgħu minn hemm, għax inkella nistgħu nagħmlu *one-way* it-toroq kollha tal-Għargħur. Is-Sur Fenech qal li ħa jaqbel mad-deċiżjoni tan-nies imma l-argument tagħhom ma huwiex validu. Is-Sur Fenech staqsa x'tip ta' karta ingħata r-resident li għandu l-garaxx. Is-Sindku spjegat li hi kkuntattjat lis-Sur Joseph Naudi (Regional Enforcement Officer) u qaltlu bil-problema li jiffaċċja dan ir-resident li għandu l-garaxx, il-problema u li ma jistax jaqla' ċitazzjoni kull filgħodu. Is-Sur Abraham Aquilina qal li soluzzjoni oħra hi li jonqsu tliet parkeġġi. Is-Sur Naudi qalilha biex tagħmillu karta u fiha tispjega li dan jista' jgħaddi għax għandu problema. Id-deċiżjoni finali kienet li s-Sindku ma vvutatx minħabba li fl-aħħar laqgħa ddikjarat kunflitt ta' interess, is-Sur Christopher Fenech u s-Sur Carl Grech qalu la l-maġġoranza qablu li jriduhom huma ħa jivvutaw favur li tabelli ta' *No Entry* jibqgħu. Is-Sur Abraham Aquilina spjega li la l-maġġoranza qablu li jriduhom huwa ħa jivvuta favur u li fil-futur irridu nindirizzaw il-problema ta' konġestjoni ta' traffiku ħdejn is-supermarket ta' Triq l-Isqof Gargallo kif ukoll hemm bżonn li jsir infurzar minħabba pparkjar illegali. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li la l-maġġoranza qablu li jriduhom hi ħa tivvota favur u li fuq il-problema ta' infurzar l-uffiċjali tal-LESA jistgħu jmorru Triq l-Isqof Gargallo u jaraw kif in-nies jipparkjaw kif ġie ġie biex imorru jixtru. Għalhekk, ġie deċiż li tabelli ta' *No Entry* fi Triq Monsinjur Luigi Catania k/m Triq l-Isqof Gargallo se jibqgħu.

**33/03** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**33/03/01** Il-laqgħa spiċċat fil-5:05p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 21 t' April 2021 fil-5:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**